# Il-Ħadd 21.04.2019

1. Illum 21/04, **l-Għid il-Kbir**:
   - F'ismi, f'isem is-saċerdoti li jgħinnu fil-parroċċa,
     u f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali nagħtikom l-**Għid it-Tajjeb**,
     u nirringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni
     ta' dawn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid,
     li jirrikjedu ħafna xogħol mill-qalb u b'mod volontarju.
     Wasslu l-awgurju lill-familjari u l-qraba kollha.
   - Il-ħin tal-Quddies ikun:-
     - o Fis-6:45am - Quddiesa
     - o Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
     - o Fl-10:30am - Isir it-Tberik tal-Każin San Pawl, tal-Każin PN u tal-Każin PL.
       tal-Kunsill Lokali, u tal-Kunvent tas-Sorijiet.
     - o Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

2. It-Tnejn 22/04:
   - Fil-5:30pm - Pellegrinaġġ bl-inkwadru tal-Ħniena Divina organizzat mill-grupp tal-Appostolat tal-Ħniena Divina tal-Qrendi li jibda minn ħdejn il-Kappella tas-Salvatur sal-Knisja Parrokjali tal-Qrendi fejn ikun hemm quddiesa u adorazzjoni.

3. Il-Ħadd 28/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni; u fis-6:00pm - Quddiesa.

4. Mit-Tnejn 22/04 sas-Sibt 27/04, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

5. Mit-Tnejn 29/04 ikompli t-Tberik fil-Familji.

6. Il-Ħamis 9/05 filgħodu ser ikollna Ħarġa.
   Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm.
   Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem mingħand il-helpers.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 230 mill-Karus ta' Mħabba li ġie ppreżentat mit-Tfal tad-Duttrina.
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tad-Duluri u s-Sepulkru. Grazzi mill-qalb.